FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.,JUR (EU LAW)

ILLUM 22 TA' AWISSU 2017

Il-Pulizija
(Spetturi Sylvana Briffa u Robert Said Sarreo)

Vs

Joel Caruana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 88591m akkuzat talli gewwa dawn il-Gzejjer, nhar l-24 ta' Lulju 2015 u fix-xhur ta' qabel din d-data, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonjiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. b'ghemil zieni kkorrompa lill-minuri Graziella Incorvaia ta' 15 il-sena;

2. u aktar talli fl-istess lok, data u cirkostanzi ippartecipa f'attivitajiet sesswali mal-istess minuri Graziella Incorvaia ta' 15 il-sena;

3. talli fl-istess lok, data u cirkostanzi, kiser il-provedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi kkommetta reat li ghalieh hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta'sentenza sospiza ghal erba snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr A Demicoli LL.D fil-5 ta' Frar 2013;
4. talli fl-istess lok, data u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmi minuri Gizelle Incorvaia u l-familja taghha u persuni ohra u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

F'kas ta' htija il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi Gizelle Incorvaia u l-familja taghha ai termini tal-Art 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Ai termini tal-artikoli tal-ligi prospettati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju l-imputat hu akkuzat primarjament b' korruzzjoni tat-tfal taht l-eta' b'ordni ta' notifikazzjoni u li ikkommetta r-reat matul perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Dwar il-fatti relatati mal-akkuza dawn jinvolvu tifla ta' 15 il-sena jisimha Graziella Invorvaja.

Hi fuq x-xhieda taghha li l-prosekuzzjoni qeghda tibbaza sabiex tirnexxi l-akkuza. Hi sostniet li l-imputat kien ghamel kuntatt maghha fuq "Facebook" u stiediena tmur f'klabb jismu "Dash" f'Paceville fejn kien jahdem bhala 'DJ'. Qalet li kien f 'Ottubru tas-sena 2014 u kienet marret ma hbieb taghha li kienet il-gurnata tas-Sibt filghaxija ghad-9.00. Kompliet tghid li ghal habta tas-1.00 ta' dak il-lejl kienet lura d-dar u spiegat li Paceville kienet tmur bil-mohbi tal-mama' taghha. Sussegwenti ghal dan kienu ltaqghu bhala kopja u marru jieklu 'cinis' l-'Waterfront' u minn hemm marru fl-istudjo tieghu li hija kamra f'Hal Tarxien fejn kien izomm l-affarjiet tal-muzika. Hawnhekk, kienu ma' koppja ohra li kienu kielu flimkien il-'Waterfront'. Hemmhekk damu xi ghoxrin minuta u ma gara xejn. Qalet li kienu qisu it-tlieta ta' wara nofs in-nhar u fis-7.00pm kienet d-dar tal-habiba taghha u fis-7.30 marret il-mama' taghha ghaliha ghand din il-habiba. Okkazjoni ohra li kienet iltaqt mieghu kien is-26 ta' Mejju 2015. Kien ghadda ghaliha hu vicin fejn id-dar tal-habiba taghha li kienu ghal habta tat-8.00pm u marru jieklu Bugibba. F'din l-okkazjoni tghid li kienu wahedhom. Kompliet tistqarr testwalment: "U imbaghad wara li lestejna hemm hekk, kelli l-ewwel darba x'naqsam mieghu sesswalment" u qalet li kellhom x'jaqsmu flimkien fil-vann tieghu, li tghid kien Mercedes mill-kbar numru ta' registrazzjoni JWL689. Iddeskrivitu bhala kbir, b'tlett sedili quddiem u wara qisha kaxxa kbira maghluqa b'twieqi ma jinfethux. Stqarret li kienu marru x'imkien Bugibba f'post imwarrab u semmiet li kienu damu ghaxar minuti. Tghid li hawnhekk kellha erbatax il-sena u kienet l-ewwel u l-unika esperjenza taghha. Sussegwetement, precisament fil-21 ta' Gunju, ghalqet hmistax il-sena. Tghid li wara dan kienet iltaqghat mieghu darb ohra u billi ommha kienet issuspettat b'xi haga, li hi kienet ma Joel, hadditha l-ghassa tal-pulizija u sar r-rapport meritu dina l-kawza. Semmiet li dan kien fl-24 ta' Lulju 2015. Fuq mitsoqsija dwar kif ghamlitu ir-rapport, testwalment irrispondiet "ifhem, ir-rapport, il-mummy ghamlitu" u ziedet tghid li hi kienet hdejha. Immedjatament qabel din pero' kienet giet mitstsoqsija domanda ohra dwar jekk qabel ma marret l-ghassa kinitx ikkorrispondiet mal-imputat ghal liema wiegbet " iva permess ta' sms" fejn qaltlu li kienet l-ghassa tal-pulizja u kienet hemm minhabba fih. Ziedet tghid, li l-mama taghha kienet issuspettat minhabba li kienet halliet il-Facebook taghha miftuh u ommha kienet sabet "chats". U ziedet tghid li kienet ammettiet li kellha x'taqsam mieghu ammettiet l-ghada li ommha kienet hadditha l-ghassa u kien fuq suggeriment taghha.

Xehdu tlett ihbieb taghha certi Zammit, Degabriele u Pisani, ilkoll minorenni. Tal-ewwel stqarret li taf lill-minuri Graziella billi jiffkrekwantaw l-istess skola. Tghid li lill-imputat saret tafu mill-ewwel tas-sena 2015 meta introdicutula Graziella. Kienu fejn l-istabiliment 'Dash". Semmiet l-okkazjoni fejn kienu kielu 'cinis' l-Waterfront. Hi kienet fil-kumpanija ta' certu Brandon u Graziella kienet mal-imputat. Semmiet li wara kienu marru l-istudjo tieghu fejn hi u Brandon f'xi hin hargu u Graziella u l-imputat kienu ghamlu xi minuti wahedhom Ma tafx pero' jekk sar jew gara xi haga bejnithom. Sa kemm kien hemm hi u Brandon ma kien gara xejn. Dwar Facebook jew messaggi ma taf xejn. Tat-tieni stqarret li l-iskola hi u Graziella kienu jkunu hafna flimkien. Lill-imputat pero' ma tafux u qatt ma ltaqghet mieghu. L'istabiliment "Dash" tafu u kienet ukoll marret hemm ma' Graziella fejn inzertat ratha tkellmu. L-ahhar persuna ma tghid xejn ta' rilevanza.

Xehdu l-Ispetturi Prosekuturi li qablu li kien fl-24 ta' Lulju 2015 ghal-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija li omm il-minuri flimkien mal-istess minuri kienu marru l-ghassa ta' Marsascala u sari r-rapport meritu dina l-kawza. Giet ippresenta okkorrenza li fiha hemm riprodott ir-rapport li

kienet ghamlet ommha u dak li kienet qalet fl-ghassa il-minuri. Interessanti huwa l-kliem li ommha qalet li rat fuq il-pagna 'Facebook' tal-tifa taghha li huwa riprodott fl-okkorrenza u li fil-kuntest tal-akkuzi jassumi importanza kbira stante ix-xhieda tal-espert tal-informatika nominat mill-Qorti fil-persuna tal-Avukat Martin Bajada li mill-kliem u diskors li l-omm tghid li qrat fuq il-pagna Facebook tat-tifla ma nstab xejn imqarr tracca.

Fix-xhieda taghha l-omm tistqarr li kienet il-minuri li kienet urieta l-pagna tal-'Facebook' li kienet tikkoncerna lill-minuri u l-imputat. U minnufih wara qalet hekk:"it-tifla hadet il-mobile tieghi biex tidhol 'facebook', minn tieghi, nsiet taghmel 'log out' u rajt il-konverzazzjoni taghhom". , ghax hu ma setax jiltaqa ma' tfajliet izghar minnu". Kien hemm ukoll "certu kliem pastazz" (riportati folio 37 tal-process). Dwar ic"chats" tghid li insertathom fil-gurnata ta' qabel ma' marret l-ghassa ma' bintha. Qalet hekk: "l-ewwel rajt ic-"chats.. u imbghad l-ghada t-tifla qaltli li hierga mal-habiba taghha". Cemplet lill-habiba taghha billi ma setghetx taqbad fuq dak tat-tifla, u din, qaltilha li bintha kienet harget tixtri u minn hekk gieta s-suspett. Fil-hin cempel hu u indirizza b'isimha – "hawn Nat" – u ftit wara li kienet iddecidiet titla' Haz-Zabbar ratu jwassal lill-binta b'karozza bajda. Mill-bqija tax-xhieda taghha x-xhud tghid li l-imputat u bintha kienu ilhom sa mis-sajf 2014 iltaqghu flimkien.

Sinifikanti, fil-fehma tal-Qorti, hi x-xhieda tal-uniku espert nominat fl-inkjesta magisterjali, l-Avukat Martin Bajada, qua espert tal-informatika. Mir-relazzjoni tieghu li jirrizulta huma 'selfies' fuq ic-cellulari tal-minuri li skond twegiba in kontro-ezami l-espert stqarr li ma ntbghatux.

Intant, il-Qorti, ezaminat attentament il-process kollu. Innotat l-istqarrija li rrilaxxja l-imputat 'a tempo vergine', ikkonsidrat ix-xhieda tal-omm u l-minuri, rat l-okkorerenza esebita, ikkonsidrat l-istess fil-kuntest tax-xhieda li semghet u ezaminat ir-relazzjoni tal-uniku espert nominat fl-inkjesta.

Innotat l-inkonsistenzi li jezistu u wara li hasbet fit-tul waslet ghal konvinciment li m'ghandiex provi sufficjenti li jippruvaw l-htija tal-imputat ai termini tal-Artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tieghu.

Inghad dan, tiddikara l-imputat mhux hati u tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat